# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 266 :: LULJU, 2018**



***Editur: Paul Vella***
paul.vella44@gmail.com


## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna. Għad hemm min għadu ma ħallasx tas-sena l-oħra. Ħudu ħsieb.

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Il-laqgħa li tmiss, bħas-soltu, se tkun l-aħħar Ġimgħa tax-xahar, jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **27 ta' Lulju, 2018,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## 'IT-TFAL JIĠU BIL-VAPURI'
### *issa sar ukoll Rumanz bir-Ritratti*

**Pubblikazzjoni: Klabb Kotba Maltin**




Wara li It-"Tfal Jiġu bil-Vapuri", b'kitba tal-Prof. Oliver Friggieri, kien ippubblikat bħala rumanz, u aktar tard fi triloġija, u wara li dan l-istess rumanz ġie addattat għal tliet sensiliet televiżivi, issa Mario Micallef u Klabb Kotba Maltin qed iħabbru inizjattiva ġdida għal dan ix-xogħol: RUMANZ BIR-RITRATTI.

B'96 paġna u 'l fuq minn 600 ritratt, meħudin mill-istess sensiela televiżiva, dan il-proġett għandu jkun attrazzjoni sabiħa kemm għal dawk li jħobbu jaqraw bil-Malti, kif ukoll għal dawk li jħobbu drammi ta' dan il-livell.



Il-pubblikazzjoni hi utli ħafna wkoll għal tfal tal-iskola li qed jitgħallmu l-Malti għax id-djalogi fil-qosor, megħjuna bir-ritratti kontinwi, jagħmluha ferm aktar faċli biex dak li jkun jitħeġġeġ jaqra. U probabbilment min jibda jaqra r-rumanz preżentat f'dan l-istil, jibqa' għaddej sal-aħħar paġna.

It-tnedija ta' dan ir-Rumanz bir-Ritratti saret il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju, fiċ-Ċentru taċ-ĊAK, Triq S. Sommer, Birkirkara (wara l-Knisja ta' San Franġisk), fis-7pm.

Is-serata tat-tnedija ħadet madwar siegħa, u li għaliha seta' jattendi kulħadd, kienet tinkludi mużika, kant, qari u filmati qosra mill-istess sensiela It-Tfal Jiġu bil-Vapuri. Dakinhar min attenda kien jista' jakkwista l-ktieb bil-prezz ta' €18. Wara kien hemm ukoll bibita.

## AMOR FATI - L-IMĦABBA TAD-DESTIN

**(ANDREW SCIBERRAS)**

Fiż-żewġ studji profondi li ktibt dwar Friedrich Nietzsche intitolati Nietzsche and Oriental Philosophy u Nietzsche and his Metaphors ittrattajt minn kull aspett kif evolva matul is-snin il-ħsieb ta' dan il-filosfu kbir.

Dan il-ktieb bdejtu b'introduzzjoni kemxejn twila bl-Ingliż ħalli wieħed jifhem ħajjet u xogħol il-filosfu.

Imbagħad se ssibu poeżiji tiegħi bil-Malti li sawwarthom fuq xi wħud mill-ħsibijiet ta' Nietzsche, biex inkompli nuri kemm kien dinamiku u artistiku f'xogħlijietu.

Il-ħsibijiet ta' Nietzsche kienu u għadhom dinamite għal dawk li huma lesti li jixegħlu l-miċċa.

Min irid kopja tal-ktieb jista' jikkuntattjani fuq l-email: andrewsciberrasartist@gmail.com

## Min qal li l-ħajja sabiħa?

*(Lil ħija Godwin f'għeluq żmienu)*

Min qal li l-ħajja sabiħa?
Trid tgħix fil-preżenza
tal-vjolenza tal-vojt
ta' min telaq, mhux għax ried,
imma għax in-natura għażlitu
biex ikun l-isfortunat.
Min telaq xtaq jibqa'
jifrex l-imħabba ta' qalb miftuħa beraħ.
Spontanju, ċajtier u improvizzatur
kien iġorr bħal kull bniedem
il-weġgħat tiegħu
il-limitazzjonijiet tiegħu
il-ħolm tiegħu
u x-xewqat ta' ġid kbir għal qrabatu
għal ħbiebu u għall-istranġieri
li fil-bżonn tagħhom isiru ħbiebu.
Biex iħobb kien jippjana
u jniżżel fuq id-djarju
biex żgur ma jinsiex pjaċir li jkun wiegħed.
Il-ħajja sabiħa fil-preżenza ta' min jaf iħobb.
It-tluq iebes
speċjalment ta' min miegħi jimxi t-triq kuljum
fil-fantażija tiegħi li teħtieġu
imbagħad niftakar fil-kefrija tan-nuqqas.
Min qal li l-ħajja sabiħa?

*Emmanuel Attard Cassar*

## IL-MISTERU TA' TAĦT IS-SIĠRA TAL-ĦARRUB

***Kitba - David Azzopardi Pubblikazzjoni Heritage Malta***



Fl-igħoddi, madwar l-irħula Maltin kien hawn ħafna raba' mhux maħdum. It-tfal kien l-ors tagħhom ifittxu l-avventura f'dawn l-għelieqi. Iżda din il-ħaġa kienet tinkwieta ħafna lill-ġenituri tagħhom għax kienu jibżgħu li jistgħu jweġġgħu. Biex it-tfal tagħhom ma jersqux lejn dawn l-għelieqi, il-ġenituri kienu jirrakkuntawlhom stejjer ta' rġiel li jaħtfu lit-tfal minn dawn il-postijiet. Dawn it-tfal, imbagħad, ħadd ma kien jarahom iżjed u iktar minn hekk ħadd ma kien ikun jaf x'sar minnhom.
Ir-rakkonti ta' dan il-ktieb huma msejsa fuq avventuri ta' sebat itfal ħbieb li fil-bidu tas-snin sebgħin, b'kumbinazzjoni skoprew sit arkeoloġiku taħt l-art qalb l-għelieqi fl-inħawi tar-Rabat.
Dawn mill-ewwel fittxew li jitkixxfu x'hemm ġewwa fih.
Min seta' għamlu dan it-tħaffir taħt l-art u għal liema raġuni għamlu?
Dak li dawn it-tfal bdew jiskopru f'dan is-sit arkeoloġiku, ġegħelhom jaħsbu li dawk ir-rakkonti li ommijiethom kienu jgħidulhom dwar l-għajbien tat-tfal, fl-aħħar mill-aħħar setgħu kienu mibnija fuq il-verità.
Aktar ma dawn it-tfal daħlu fil-qalba tal-avventura, l-istorja aktar bdiet tikber u tikkumplika ruħha.
Darba minnhom, il-preżenza ta' rġiel barranin u l-attività suspettuża tagħhom taħt l-art bdiet tħassibhom ħażin. Dak li kien qed jiġri bħal donnu beda jagħtihom x'jifhmu li din kienet ħidma ta' kriminalità organizzata.
Min kienu dawn l-irġiel? X'kien għaddej bejniethom taħt l-art? X'riskji ħadu dawn it-tfal biex jiskopru dak kollu li kien għaddej f'dan il-lokal mudlam?
Fost avventuri oħra, dawn it-tfal jirnexxilhom jeħilsu żewġ anzjani milli jiġu misruqa. Kif ?
Dan u aktar fir-rakkont avventuruż tal-Misteru ta' Taħt is-Siġra tal-Ħarrub.

***Jikteb Sergio Grech…***

# Irvin Vella: Il-Każ tal-Gżejjer tat-Teżor (3)

Meta, lejlet l-ewwel tas-sena, l-avukat Kevin Piscopo jinsab mejjet Għawdex, il-pulizija tikkonkludi li kienet biss diżgrazzja. Imma oħtu Joanne mhix konvinta. Hi u ħuha kienu qrib ħafna, u hi ħaġa mhix tikkonvinċiha dwar il-fatti u dwar l-aġir ta' Kevin fl-aħħar jiem ta' ħajtu. Tissuspetta li ma kienet diżgrazzja xejn, imma li nqatel minn xi ħadd.
U hawn jidħol fix-xena l-investigatur żagħżugħ Irvin Vella.
Insomma: kważi investigatur — għadu qed jistudja biex iġib il-warrant ta' investigatur privat, u għalhekk għalissa qed isejjaħ lilu nnifsu investigatur virtwali. Imma l-kelma tiġri u r-reputazzjoni tiegħu bħala investigatur bil-għaqal u metikoluż qed tinxtered, u n-nies saret tfittxu dejjem iżjed. U flimkien mal-kuġini tiegħu, iċ-ċkejknin Luca u Laura, imur jinvestiga Għawdex. U r-riżultat huwa misteru u investigazzjoni mimlija indizji moħbija, azzjoni, suspens u ħafna u ħafna umoriżmu.
Irvin Vella: Il-każ tal-Gżejjer tat-Teżor huwa t-tielet misteru fis-sensiela ta' investigazzjonijiet miktuba minn John A. Bonello u ppubblikati mill-Merlin Publishers. Qablu kien hemm Irvin Vella: Il-Kaz tas-Serqiet Strambi u l-ewwel ktieb fis-sensiela, Irvin Vella: Il-Każ Manduca.
Il-kotba ta' Irvin Vella huma ideali għal tfal minn 9 snin 'il fuq, u huma l-ewwel sensiela investigattiva għat-tfal bil-Malti. Fil-fatt l-ewwel żewġ kotba saru bestsellers immedjati fis-suq.
Il-ktieb hu mżejjen b'illustrazzjonijiet tal-artista ta' fama internazzjonali Lisa Falzon, li tuża l-iswed u l-abjad biex toħloq stampi evokattivi li jwasslu l-burdata tal-investigazzjoni lill-qarrej.

# SOLITUDNIJIET IMKENNA




Il-ktieb 'Solitudnijiet Imkenna' huwa studju lil hinn, forsi, mill-perkorsi li mdorrijin nimxu fihom meta nagħmlu xi tip ta' analiżi ta' xi poeta jew poetiċità speċifika. Huwa dak it-tip ta' ktieb li jieħu lill-qarrej – l-akkumpanjatur/iċi tal-poeta – f'perkorsi varji, lil hinn mill-istess kostrutt poetiku, u għal darb'oħra 'l ġewwa 'l ġewwa 'l ġewwa, f'din l-istess poetiċità. Dan isir permezz ta' nebħ u intuwizzjonijiet ta' xeħtiet varji meħudin minn skemi mentali multipli, fosthom dawk lingwistiċi, fenomenoloġiċi, psikoloġiċi u filosofiċi, fost oħrajn. Dan jgħin biex il-poeżija, aktar milli tidher bħala xi ħaġa li teżisti biss għal rasha, tinħass u tidher, hi, sewwasew kif inhi – traċċ ewlieni – fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Hija dik it-tip ta' sensibbiltà li, permezz tal-'kelma', tgħaddi xi tip ta' emozzjoni, ħass u spirtu fil-mod kif aħna nibnu u nsawru ħajjitna.
Għaldaqstant, Tarċisju Zarb, flimkien mal-iskrutinju ta' Andrew Sciberras, irnexxielhom joħolqu test intertestwali, li jgħin lil kull min jaqrah/jistudjah jitnebbaħ minn dawn it-traċċi eżistenzjali, li aħna ngħidulhom ħajja. L-interdixxiplinarità ta' dan l-istudju, flimkien mal-istudju semantiku-etimoloġiku, fil-fond tal-poeżija 'Stqarrija', huma turija ċara, li l-poeżija, hi b'liema lingwa hi, iżda f'dan il-każ hija bl-ilsien Malti, hija sors ewlieni, mhux biss ta' tfannid fir-ruħ, iżda wkoll ta' fejda – mod ta' għajxien, li jsostni lil kull min jixxierek fiha.
Tarċisju Zarb huwa magħruf għal għadd ta' kitbiet, kotba u metodi ta' tagħlim, li għandhom x'jaqsmu mal-pedagoġija, il-kritika u l-analiżi kritika letterarja, l-antropoloġija, u l-lingwistika fost oħrajn. Andrew Sciberras huwa poeta, u studjuż tal-filosofija fost oħrajn, li jemmen u jsostni lil kull awtur, fil-mixja tiegħu tal-għarfien u n-nebħ li jgħinna fl-umanità tagħna.
Min irid kopja tal-ktieb jikkuntattja l-editur Andrew Sciberras jew fuq l-email: andrewsciberrasartist@gmail.com jew fuq il-facebook. PREZZ: 7 ewro, posta inkluża (f'Malta).

## IL-WAQGĦA TAS-SIĠAR

F'din l-era tad-deheb
fejn il-kotra paxxuta
baqa' ftit minna li għandhom
għajnejn biex jaraw u qalb li tħabbat...
Inħarsu barra t-tieqa
u nilmħu l-baħħ għaddej rasu baxxuta
jġorr it-toqol ta' lwien il-luttu.
Mad-dawra jispuntaw
torrijiet bil-mijiet ta' qisien differenti
ħallelin tal-mergħat ħodor u l-wesgħat koħol,
u ħdejhom, kompliċi, fergħat mekkaniċi
ta' ġganti indifferenti
- allat u lsiera fl-istess waqt –
li qatt ma jixbgħu
jgħabbu briksa fuq briksa
u jqiegħdu planka ħdejn l-oħra
sakemm jintlaħqu s-smewwiet
u l-aħħar qatra demm jibdluha f'konkrit.
Iċapċpu bil-mijiet u bl-eluf għal dan is-seħer
li bidel il-ħamrija f'deheb misħut!
U intant
is-siġar baqgħu biss l-iħirsa tagħhom
u għal min għadu jisma'
l-eku ta' leħinhom jgħajjat l-aħħar għajta ta' wġigħ
qabel qatgħulhom rashom
f'olokawst ta' progress u abbundanza.
Illum, allajbierek, xejn ma jonqosna!
Nifisna arrikkit mit-trabijiet u d-dħaħen
li kisbu ċ-ċittadinanza fuq dawn il-gżejjer tikka,
żaqqna paxxuta bl-ikel iffriżat u l-ilma bbottiljat
għajnejna, widnejna u moħħna aljenati
nsoffu d-diskorsi zokkor-ivvalenati tal-kbarat!
F'din l-era tad-deheb il-kotra paxxuta...
Għaliex ngħabbu 'l moħħna b'dak li ġej?
Illum illum, u għada f'idejn uliedna...
Ħallihom igawdu l-iħirsa tal-wesgħat ħodor u koħol
fi spazji virtwali...
Ħallihom igawdu l-għoli u l-kobor tat-torrijiet!
Għalina l-ftit boloh li mhux kuntenti
ħallina nissawtu mill-iħirsa tal-imgħoddi
ħallina nibku tan-natura l-barkiet!

***Patric Sammut***

## IL-MALTI -- *ĦARĠA AKKADEMIKA (2017)*

L-Akkademja tal-Malti għadha kif ippubblikat il-ħarġa akkademika tar-rivista tagħha Il-Malti għas-sena 2017 (XC). Din il-ħarġa hija ddedikata b'rispett lis-Sur Pawlu Mizzi, fundatur tal-Klabb Kotba Maltin.

Fl-editorjal tiegħu, Dr Mario Cassar, li huwa wkoll il-President attwali tal-istess Akkademja, jitkellem fuq il-ħtieġa urġenti ta' xi għodod bażiċi li għandu bżonn kull student u studjuż tal-Malti, partikolarment grammatika u dizzjunarju aġġornati li jirriflettu l-qagħda ta' lsienna llum, kif ukoll ċekkjatur (spell checker) li żgur jista' jtejjeb il-livell tal-Malti miktub, almenu fuq livell ortografiku.

Dan l-għadd jinkludi żewġ diskorsi tassew struwiti, wieħed mill-poeta Achille Mizzi, intitolat 'Il-Poeżija Maltija wara Dun Karm', u ieħor tal-Prof. Manwel Mifsud, intitolat 'Ċittadini Ewropej għax Ċittadini Maltin.' Hemm ukoll żewġ nekroloġiji ddettaljati fuq Patri Mikiel Fsadni (m. 2013) u Valentin V. Barbara (m. 2004), miktubin minn P.P. Gatt u Frank Zammit rispettivament.

Fejn tidħol il-kritika letterarja, insibu ħames saġġi mill-aktar mirquma: 'Paradossi Kulturali u Ritmati – il-Mużikalità fil-Poeżija ta' Charlò Camilleri' (Glen Attard), 'Karnival, dramm ta' Francis Ebejer' (Dorianne Bartolo), 'Il-Ħajja Sigrieta tan-Nanna Ġenoveffa ta' Trevor Żahra fid-Dawl tal-Ħsieb ta' Bergson' (Manuel J. Ellul), 'L-Aħjar Rumanzi Maltin ta' qabel l-1950' (David Aloisio), u 'Dettalji dwar il-Proċess tat-Traduzzjoni għall-Malti taż-Żewġ Novelli ta' Honoré de Balzac' (Paul Zahra).

Hemm ukoll tliet artikli tassew interessanti li jmissu mal-istorja tal-lingwa: 'De Soldanis fil-kitbiet tal-Kanonku Panzavecchia (David Agius Muscat), 'It-Traduzzjoni tas-Salmi ta' F. Panzavecchia – Nota dwar Kelma' (Lawrenz Cachia), u 'Manwel Pace u Carmelo Mifsud Bonnici – Żewġ Innijiet ta' Żewġ Partiti imma Familja Waħda' (Prof. Oliver Friggieri).

Dan l-għadd jinkludi wkoll żewġ artikli ta' natura lingwistika. Dawn huma 'Kunjomijiet Maltin ta' Nisel Taljan: Xi Aspetti Grammatikali u Fonoloġiċi' (Mario Cassar) u 'Il-Varjazzjonijiet Lessikali fir-Reġistru tal-Piroteknika Maltija' (Carlston Grima). Huma żewġ kitbiet skruplużi li jistħoqqilhom attenzjoni.

Min jixtieq li jakkwista kopja ta' dil-ħarġa, jista' jirrikorri għand il-Klabb Kotba Maltin, jew jikteb lill-Akkademja tal-Malti fl-indirizz elettroniku: info@akkademjatalmalti.org

Nhar id-29 ta' Mejju 2018, delegazzjoni tal-Akkademja tal-Malti magħmula minn Joe Borg (Segretarju), Phyllis Debono (Teżoriera) u Rita Saliba (membru) ippreżentaw lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta kopja ta' din il-ħarġa flimkien ma' pubblikazzjonijiet oħra għal-Librerija Anton Buttigieg fil-Palazz ta' Sant'Anton.

https://www.facebook.com/ PresidentofMalta/posts/ 2102796446669348

*Din hi poeżija oħra mill-aħħar ktieb tiegħi 'Amor Fati'. Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li urew interess kbir f'dan il-ktieb, speċjalment li hija għal qalbhom il-filosofija u l-poeżija. Min jixtieq kopja tal-ktieb jista' jikkuntattjani fuq facebook jew fuq l-email: andrewsciberrasartist@gmail.com*

## ĦADD MA JISTA'...

Ħadd ma jista' jibni b'idejh godlija
l-pont li jwasslek in-naħa l-oħra tax-xaqliba
tax-xmara li bħal ferrovija
bla stennija dejjem tivvjaġġa
tul it-trejqa tal-eżistenza qalila.
U bħal Ħeraklitu ta' Efesu
li fehem li xejn mhu statiku
waħdek dan kapaċi twettqu
bla ebda persistenza ta' intervent.
Hemm żgur għadd ta' mogħdijiet
u allat żgħar li dalwaqt se jilħqu d-divinità
li bl-abbiltà tad-dgħajjes tal-pass iqarrbuk b'solennità
lejn ix-xtajta tas-serenità.
U forsi trid li dan l-avveniment
bħal Andromeda ġgarrbu
fil-qiegħ nett tal-kuxjent
b'integrità u volontà
imma ftakar li Eros u Thanatos
se jibqgħu jitqabdu għall-eternità.
Teżisti wkoll rotta misterjuża.
Tgħidlix fejn twassal...
Jekk tixtieq bħal nomadu passi fiha...

# ŻELQIET SPORTIVI U ĊAJT IEĦOR — *Ir-rabta mal-Awstralja*




'Żelqiet Sportivi u Ċajt ieħor' hu ktieb ġdid li għadu kif ġie ppubblikat minn Kite Group. Il-ktieb jiġbor fih aktar minn 160 żelqa, ċajta, praspura u kummiedja li għamlu players tal-football, coaches, atleti, uffiċjali ta' clubs u ġurnalisti. F'dan il-ktieb diversi players jirrakkuntaw il-praspar li għamlu lil xulxin fid-dressing room, waqt it-taħriġ, fil-kmamar u fil-lobby tal-lukandi fejn kienu qabel jew wara xi logħba kompetittiva.

Il-kitba ta' dan il-ktieb saret minn Mario Pisani. Ir-rabta mal-Awstralja hi permezz tal-awtur tal-ktieb, li fis-snin 80 kien emigrant l-Awstralja flimkien mal-familja tiegħu. Hu kien jgħix l-Awstralja bejn l-1980 u l-1985. Qabel ġie l-Awstralja hu kien referee f'Malta u meta ġie l-Awstralja kien ikkwalifika biex jaġixxi ta' referee u kien jirreffja s-Sibtijiet u l-Ħdud kollha ġewwa Melbourne. Fl-okkażjoni ta' Jum Malta, Mario Pisani kien jgħin fl-organizzazzjoni tat-tournament tas-soccer, f'Port Arlington. Għalkemm Mario Pisani m'għadux jgħix l-Awstralja għad għandu diversi qraba li jgħixu hawn.

Fil-ktieb Żelqiet Sportivi u Ċajt Ieħor qed jinkixfu l-borom. Kien hemm players li għamlu ċajt fuq xulxin, imma kif ngħidu bil-Malti, tefgħu l-ġebla u ħbew idejhom. Se jkun hemm players u uffiċjali ta' teams li kienu vittmi ta' ċajta u se jiskopru min għamlilhom iċ-ċajta!

'Żelqiet Sportivi u Ċajt Ieħor' jinkludi wkoll 30 illustrazzjoni ta' players, coaches u uffiċjali ta' clubs. Illustrazzjonijiet saru minn Mark Schembri.

Dan il-ktieb jinkiseb minn fuq www.kitegroup.com.mt.

## IS-SAJF

Is-sajf iġib miegħu sħana qawwija
Li ġġiegħel lil rasi tibda ddur bija.
Dejjem naħrabha bħall-bard ta' Jannar
Għax għad-dell tassew inħossni aħjar.

Wara l-ikel taqbadni ħedla kbira
U jkolli mmur nieħu nagħsa qasira,
Għax is-sħana ma tħallik tagħmel xej',
Titilqek binhar kif ukoll billej'.

Anki dak l-imbierek nemus fih tiegħu,
U dan l-istaġun sħun iġibu miegħu.
Lil min jagħmel għalih veru miskin
Għax idur miegħu u jigdmu kull ħin.

Imma s-sajf għandu n-naħa pożittiva
Għax 'tulu tista' żżomm ruħek attiva,
Billi tmur tgħum xi għawma ta' kuljum,
Iżżomm ruħek f'saħħtek jum wara jum.

Dawn it-tliet xhur tas-sajf malajr itiru
U matulhom għadd kbir ta' festi jsiru.
Tal-aħħar hi tal-Grazzja Ħaż-Żabbar,
Qabel tibda l-ħarifa f'dak ix-xahar.

Iżda mbagħad meta l-vaganzi jintemmu,
U lill-istaġun sajfi aħna nsellmu,
It-tfal u l-għalliema jippreparaw
Biex lil xulxin mill-ġdid jerġgħu jaraw.

***Charmaine Tanti (Mosta)***

## X'Jiktbulna...

Grazzi ħafna, Paul. Ħadt gost narakom ilkoll fuq ir-ritratt.
Tislijiet mill-qalb,

***Prof. Rena Balzan,***

Għażiż ħabib, Grazzi tal-Folju. X'ħasra li t-tagħrif hekk interessanti u ta' siwi li tippubblika fil-Folju donnu li jaqa' fuq widnejn torox fostna li ngħixu hawn. Il-kummenti li tirċievi regolarment minn nies ta' l-affari tagħhom minn Malta għandhom iqanqluna biex nuru aktar interess. X'tgħid li kieku kellek tistħarreġ il-possibilta' li l-Folju xxandru wkoll fuq paġna ta' Facebook?

***Dr Clemente Zammit***

Għażiż Paul, Niżżikhajr tal-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, għax xahar ta' Ġunju 2018. Fl-istaġun sajfi, fejn ix-xemx tibda tikwi, u n-nifs xi ftit jew wisq ikun batut, u l-"uff xi sħana" tinstema' ta' spiss, saħansitra jekk l-arja kundizzjonata tkun qed taqdi dmirha kif taf u tista', u l-fannijiet iduru raddiena, u l-palji jrewħu kemm jifilħu, il-Folju tagħkom, ma' ħarġiet letterarji oħrajn, huma ta' wens u faraġ kbir, għall-Maltin u l-Maltin Awstraljani, li ma jinsewx art twelidhom, li ma jinsewx l-ilsien għażiż tagħna u jibqgħu iħobbu kull xorta ta' kitba tajba u flokha, u jinteressahom ikunu jafu bil-ħidma letterarja tagħkom, fil-kontinent Awstraljan. Bis-saħħa tagħkom, Malta u l-Malti, jibqgħu ħajjin u leqqiena, f'art fejn hemm aktar Maltin minn hawn Malta. B'Imħabba:

***Mario Griscti***

## Lill-Martri ta' Lidda fil-festa tiegħu

Tard matul is-sena l-oħra
l-Art Imqaddsa mort inżur
fejn id-demm għadu qed jiġri
b'għadd ta' martri għadha tfur!
Iżda fost l-inħawi kollha
ħaduni fil-belt ta' Lidda
fejn matul it-tielet seklu
dawl ta' kewkba għal żmien idda!
Kien żagħżugħ mill-Kappadoċja
Tribun qawwi, kuraġġjuż
illi fih Diokleżjanu
kien iħobb u fiduċjuż!
Iżda Ġorġi ma' twemminu
ma kien żgur jilgħablu ħadd;
li jiċħad id-Din ta' Kristu
xejn ma basar, ħolom qatt!
U allura kien lest jinża'
minn kull xorta ta' unuri
basta jibqa' sod fil-fidi
u imħabbtu 'l Kristu juri.
U bla biża t-triq qabad
li wasslitu għal qtugħ ir-ras,
ma beżax minn Atanasju,
taż-żegħil xejn ma ta kas!
Illum qiegħed sew fil-għoli
max-Xirka tal-Qaddisin
fejn il-Mulej il-post jagħti
lil tiegħu l-maħbubin.
U fil-qalba tal-belt tagħna
bnejnielu tempju sabiħ
illi niesna sa mill-qedem
kompliet tkabbar u tgħożż sħiħ!
Mill-Pittura tal-'Mattia'
Ġorġi lmaħt b'żiemel rebbieħ
qiegħed hemm biex iħarisna
għax 'l uliedu jħobb qatigħ.
Ġo Belt Pinto nsibu maqdes
illi jdur ma' Gorġi tagħna
fejn il-Qriema isejħulu:
'Qum u orqod dejjem magħna!'.
X'sengħa kellu dak il-mastru
illi sawrek mill-injam!
kemm tispikka surtek f'darek
b'ta' Carrara dak l-irħam!
Meta l-Ħadd fl-għaxija toħroġ
biex iddur mat-toroq tagħna,
dirgħajk berraħ, erħi l-palma
U fi ħdanek dlonk ilqagħna!
Hemmhekk biss inkunu komdi
bogħod min-niket, dwejjaq, mard:
inti l-mimmi ta' għajnejna
tisboq l-aqwa bukkett ward!

***Kav Joe M Attard, Victoria Għawdex***


**Jekk toqgħod Melbourne u tixtieq issir membru tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, ċempel lill-P.R.O., Paul Vella fuq 0409 961 928. Nixtiequk tkun magħna.**

# WAQTIET KALKARIŻI

Iċ-ċiklu tal-ġenerazzjonijiet jifforma parti sħiħa mit-tnissil tal-istorja ta' pajjiż, belt, raħal u nazzjon. Matulu jsir taqlib soċjali u ekonomiku li jkompli jħawwar il-ġrajjiet tagħna kemm bħala individwi kif ukoll bħala ġens.

F'din il-ġabra ta' kitbiet bl-isem ta' "Waqtiet Kalkariżi – għad-dell tal-Kottonera" (BDL), Charles Flores jaqbad epoka li fiha l-ġenerazzjoni ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija ħalliet il-marka tagħha f'oqsma varji bħall-isport, il-kultura, il-Letteratura, is-soċjetà, id-divertiment, il-politika u r-reliġjon fost oħrajn.

Il-Kalkara hija s-subborg ħlejju tal-Kottonera fejn tkebbsu t-tifkiriet nostalġiċi tal-awtur. Fl-istil ħafif u mexxej tiegħu, Charles Flores iwasslilna stampi minn tfulitu u parti minn żgħożitu biex hekk joffri ħolqa oħra fil-ħannieqa ta' ġrajjiet u waqtiet interessanti li jsawru l-istorja. Jeħodna fl-għelieqi tal-futbol, f'postijiet fejn kienu jehdew it-tfal u ż-żgħażagħ qabel il-miġja tal-kompjuter u l-internet, u jsemmi d-drawwiet, iċ-ċelebrazzjonijiet u l-mod ta' għajxien li jiddistingwu ġenerazzjoni minn oħra. Jispikkaw l-aneddoti dwar Roger Moore u l-kanun il-kbir u x'ġara meta daħal jiżfen denfil fil-bajja tar-Rinella.

Minbarra l-qari leġġer tagħhom, dawn l-akkwarelli ħelwin jagħtu lok ukoll għal eżerċizzju komparattiv għal min – student, għalliem, riċerkatur, storiku eċċ – ikun irid jidħol ferm aktar fil-fond tal-istorja tal-Kottonera, il-Kalkara u l-madwar….rif-lessa wkoll fil-bixra nazzjonali tal-istorja ta' Malta u Għawdex kif rajniha, u għadna narawha, titkattar mal-milja tas-snin.

Tista' tordna l-ktieb fuq:https://www.bdlbooks.com/history/6711-waqtiet-kalkarizi.html

# IL-LAQGĦA TA' ĠUNJU

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ġunju, inżammet il-laqgħa tal-Grupp Letteratura Maltija fil-Victoria. Din saret fil-Librerija taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm.

Preżenti kien hemm Ray Anastasi, Marie Louise Anastasi, Rosemary Attard, Charles Attard, George Portelli, Michael Xuereb, John Muscat, Dr Victor Sammut, Manwel Cassar, Paul Vella u Salvina Vella. Kien hemm apoloġiji minn Rose Lofaro, Joe Lofaro, Joe Bonett, Frank Bonett u Tony Spiteri li ma setgħux jattendu.

Matul il-laqgħa sar xi qari mill-membri, kemm kitba tal-istess membri jew xogħlijiet ta' kittieba differenti.

Dr Victor Sammut qralna "Medicine Man" u "L-Aħħar Titjira" tal-membru tagħna, il-mibki qatt minsi Manwel Nicholas-Borg. Manwel Cassar qralna l-kitba tiegħu "Fuq u Taħt" u "Qagħda". George Portelli qralna "Lir-Ritratt Tiegħi ta' Tfuliti", kitba ta' Ġorġ Zammit u "Il-Kotra u Jien" ta' Rużar Briffa. "Il-Komunita` ta' Poeti", inqrat minn John Muscat, kitba tiegħu stess. "Għanja Lil Malta" ta' Paul Saliba, inqrat minn Marie Louise Anastasi, filwaqt lil Michael Xuereb qralna "Darba f'Wied Babu" ta' Ġorġ Zammit.

Wara kulħadd ħa kikra te jew kafe` u "lamingtons"

# Deċiżjoni kif l-Ingliż għandu jinkiteb fil-Malti

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti ddeċieda dwar kif għandu jinkiteb il-kliem mill-Ingliż li daħal fil-Lingwa Maltija. Id-deċiżjoni se ssir uffiċjali meta tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern.

Is-Segretarju ta' kumitat fi ħdan il-Kunsill, George Farrugia, qal li mhux se jinħarġu listi li wieħed għandu jimxi fuqhom, iżda se jiġu ppubblikati tliet prinċipji bażiċi li wieħed għandu jimxi magħhom.

Wara aktar minn għaxar snin . . . fl-aħħar hemm deċiżjoni dwar kif għandu jinkiteb il-kliem Ingliż li daħal fil-lingwa Maltija.

Dr George Farrugia f'isem il-kumitat li ħadem fuq il-kitba tal-kliem Ingliż fil-Malti, qal li d-deċiżjonijiet isiru uffiċjali meta jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dr Farrugia spjega li r-regola ewlenija tibqa' li meta hemm kelma bil-Malti ma tintużax il-kelma Ingliża. Pereżempju tgħid biljett mhux ticket.

Is-Segretarju tal-Kumitat Kitba tal-Kliem Ingliż fil-Malti, George Farrugia qal "meta mbagħad f'ċerti kuntesti l-kelma Maltija ma taqdikx għall-kelma Ingliża, ngħidu aħna fil-kuntest ta' kompjuter, għandek bżonn tuża l-kelma *chatting*, tibda tfittex inti u tgħid għandek paroli, tlablib, taħdita, diskors, f'dak il-kuntest ma jaqdikx dak il-kliem għax għandek bżonn tuża l-kelma *chatting* hemmhekk m'hemmx x'tagħmel trid tuża l-kelma bl-Ingliż."

Dr Farrugia spjega, li skont ir-regoli l-ġodda, kliem iffurmat minn żewġ kelmiet jew aktar bħal *windscreen, roundabout, shock absorber, microwave jew fire extinguisher* għandhom jitħallew bl-Ingliż. Imma, kliem li daħal fir-regoli tal-grammatika Maltija bħal brejk, garaxx jew ċċarġja għandhom jinkitbu kif jinstemgħu.

Is-Segretarju tal-Kumitat Kitba tal-Kliem Ingliż fil-Malti, George Farrugia qal, "Ejja nieħdu eżempju n-nom *brejk*, tant daħal fil-Malti li anke nużaw il-plural sħiħ *brejkijiet*, mela f'dan il-każ li diġà daħal fir-regoli diġà ntaġen mas-sistema tal-grammatika Maltija hemmhekk ħa niktbu bil-Malti."

Kliem ieħor li ma integrax fil-grammatika Maltija jista' jinkiteb kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż skont l-għażla tal-kittieb. Ħafna drabi dawn huma nomi li jieħdu l-plural mill-Ingliż "s".

Is-Segretarju tal-Kumitat Kitba tal-Kliem Ingliż fil-Malti, George Farrugia qal, "Nagħmlu mod trid tikteb il-kelma *ħelikopter* bil-Malti, il-plural tagħha mhux *ħelikoptrijiet*, mela dik ma daħlitx fis-sistema tal-plural Malti sewwa, għandek ħelikopters biss, mela għandek għażla tiktibhiex bil-Malti jew bl-Ingliż u jaħseb li jekk ħa jiktibha f'dak il-kuntest se jinftiehem xorta waħda allura hemm jista' jiktibha bil-Malti."



Żied jgħid li hemm kliem ieħor bħal *shutter*, li jekk ħa jinkitbu kif jinstemgħu jaf iħawdu lill-qarrej. F'dak il-każ, Dr Farrugia qal li ġie deċiż li l-kliem bl-Ingliż m'għandux jiġi mmarkat, ħlief jekk il-kitba tkun għal tfal fl-ewwel klassijiet tal-primarja.

Dr Farrugia qal li bħalissa qed isir ħafna xogħol qabel jiġu stampati "Deċiżjonijiet 2". Qal li mhux se jidħlu fis-seħħ mil-lum għal għada imma se jkun hemm perjodu, li jista' jkun anke ta' snin, biex dawn id-deċiżjonijiet jindraw.

*Rapport miktub minn Ruth Castillo għall-aħbarijiet ta' TVM.*